Co-funded by the European Union

# youthIES

# TRAINING PACK FOR YOUTH WORKERS - CASE STUDIES



friends of the earth malta
Institute of Entrepreneurship Development iED
RESET
réseau tandemplus
Education Agency for Development and Innovation IDEA
SOCIAL ENTERPRISES

youthIES

Co-funded by the European Union

**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ – KAŻI TA' STUDJU**

**IX-XOGĦOL TA' PERSUNI LI JAĦDMU MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**WERREJ**


**L-1 KAŻ TA' STUDJU –** ***L-Esebizzjoni "12-il Storja għall-Protezzjoni tal-Ambjent"*** ......2
QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TA' PROBLEMA......2
ATTIVITAJIET ......2
IMPATT......3
RITRATTI......3
**IT-2 KAŻ TA' STUDJU –** ***Enel Green Power Hellas - Inizjattiva ta' Tindif f'Parnitha*** ......4
QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TA' PROBLEMA......4
ATTIVITAJIET ......4
IMPATT......4
RITRATTI......5
**IT-3 KAŻ TA' STUDJU –** ***Is-Serje Żmien ta' Bidla ta' WWF Hellas***......6
QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TA' PROBLEMA......6
ATTIVITAJIET ......6
IMPATT......6
RITRATTI......7
**Referenzi** ......8


friends of the earth malta · iED Institute of Entrepreneurship Development · RESET · réseau tandemplus · Education Agency for Development and Innovation IDEA · SOCIAL ENTERPRISES

## L-1 KAŻ TA' STUDJU – *L-Esebizzjoni "12-il Storja għall-Protezzjoni tal-Ambjent"*

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TA' PROBLEMA

L-esebizzjoni "12-il Storja għall-Protezzjoni tal-Ambjent" żvolġiet bħala inizjattiva ta' kollaborazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u d-Dipartiment tad-Disinn Grafiku u l-Komunikazzjoni Viżwali tal-Iskola tal-Arti u l-Kultura Applikata, tal-Università ta' West Attica (PADA). L-għan ewlieni kien li jitfa' dawl fuq kwistjonijiet ambjentali urġenti permezz tal-lenti ta' 12-il xenarju illustrat, kartelluni, u filmati maħluqa mill-istudenti. L-inizjattiva mhux biss immirat li tqajjem għarfien dwar sfidi ambjentali, iżda wkoll li toffri soluzzjonijiet fi ħdan il-kuntest tal-irwol tal-Ombudsman bħala medjatur.

ATTIVITAJIET

1. **Ftehim ta' Kollaborazzjoni:** L-isħubija bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-PADA stabilixxa qafas kollaborattiv għar-realizzazzjoni tal-esebizzjoni. Dan involva ppjanar konġunt u impenn sabiex jintwera x-xogħol akkademiku tal-istudenti tad-disinn grafiku.
2. **L-Involviment tal-Istudenti:** Studenti mid-Dipartiment tad-Disinn Grafiku u l-Komunikazzjoni Viżwali attivament ipparteċipaw fil-ħolqien ta' 12-il xenarju, kartellun, u filmat konvinċenti u informattiv. Dawn ix-xogħlijiet tal-arti servew bħala mezz li bihom ġew ikkomunikati firxa wiesa' ta' kwistjonijiet ambjentali.
3. **Preżentazzjoni Multimedia:** L-esebizzjoni involviet preżentazzjoni multimedia, li inkorporat kemm elementi statiċi u dinamiċi. Il-kartelluni u x-xenarji illustrati pprovdew vjaġġ viżwali fost l-isfidi ambjentali, filwaqt li l-filmati żiedu saff dinamiku u immersiv għan-narrattiva.
4. **Il-Konnessjoni għall-Irwol tal-Ombudsman:** Kull xenarju u element viżwali kien konness bi ħsieb mal-irwol ta' medjatur tal-Ombudsman. L-esebizzjoni kienet immirata li mhux biex titfa' dawl fuq il-problemi elenkati iżda wkoll li tenfasizza l-importanza tal-medjazzjoni u l-promozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet ambjentali.

IMPATT

B'suċċess l-esebizzjoni qajmet għarfien dwar in-numru ta' sfidi ambjentali diversi affaċċjati llum. Edukat l-udjenza fuq id-dinamika kumplessa li hemm bejn kwistjojnijiet ambjentali u l-irwol ta' medjatur tal-Ombudsman. Il-proġett saħħaħ l-istudenti sabiex jikkontribwixxu b'mod li jħalli impatt għal kwistjonijiet soċjali permezz tal-ħiliet kreattivi tagħhom. Dan ipprovdilhom pjattaforma fejn l-istudenti setgħu japplikaw l-għarfien akkademiku tagħhom għal sfidi reali fid-dinja, kif ukoll rawwem fihom sens ta' responsabbiltà soċjali. Din l-esebizzjoni serviet ta' punt fokali għall-involviment tal-komunità. Permezz tal-indirizzar ta' sfidi ambjentali fil-kuntest tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, il-proġett inkoraġġixxa wkoll djalogu u fehim kollettiv tal-irwol li l-istituzzjonijiet għandhom fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet.

RITRATTI



**IT-2 KAŻ TA' STUDJU –** ***Enel Green Power Hellas - Inizjattiva ta' Tindif f'Parnitha***

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TA' PROBLEMA

Enel Green Power Hellas, f'kollaborazzjoni mal-inizjattiva ambjentali "Save Your Hood", wettqet l-azzjoni ta' tindif volontarju f'Parnitha, l-ogħla muntanja f'Attica. Din iż-żona, li tinkludi l-Park Nazzjonali u hi parti min-netwerk ta' Natura 2000, taffaċċja sfidi ambjentali minħabba rimi ta' skart, li jimpattaw l-isbuħija naturali u l-bijodiversità tagħha. Din l-inizjattiva kienet immirata li tindirizza l-kwistjoni ta' skart akkumulat, u li xxerred għarfien dwar il-protezzjoni ambjentali, kif ukoll tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, partikolarment l-Għan 15: Il-Ħajja fuq l-Art.

ATTIVITAJIET

1. **Azzjoni ta' Tindif Volontarju:** Enel Green Power Hellas immobilizza t-tim ta' voluntiera tiegħu biex jikkollabora ma' "Save Your Hood" fit-tindif ta' Parnitha. Il-voluntiera ngabru fiż-żona mifruxa ta' Σανατorios u "Park of Souls sabiex jiġbru l-iskart u l-fdalijiet.
2. **Sħubijiet Strateġiċi:** F'rikonoxximent tal-importanza ta' sforzi magħquda, Enel Green Power Hellas daħlet fi sħubija ma' "Save Your Hood". Din il-kollaborazzjoni hija mmirata biex issaħħaħ inizjattivi, sabiex tipprovdi bażi komuni għaċ-ċittadini fuqiex jaġixxu, u biex tikkontribiwxxi għal żoni residenzjali aktar b'saħħithom u sostenibbli.
3. **Kollezzjoni u Rimi ta' Skart:** It-tindifa kopriet żona ta' madwar 3,000 metru kwadru. It-timijiet ta' voluntiera, li kienu maqsumin f'gruppi oħra iżgħar, ġabru aktar minn 4,000 litru ta' skart, inkluż fliexken tal-plastik u tal-ħġieġ, sigaretti, karti, boroż, kontenituri tal-aluminjum tas-soft drinks, u straws.
4. **Sforz Simboliku:** L-azzjoni ta' tindif f'Parnitha kienet deskritta bħala sforz simboliku biex jitfa' dawl fuq is-sensittività ambjentali ta' Enel Green Power Hellas u l-impenn tagħha għall-protezzjoni ambjentali. Hi mmirat li tenfasizza n-natura kontinwa tal-impenn tagħha lil hinn minn inizjattivi iżolati.

IMPATT

L-inizjattiva rriżultat fil-kollezzjoni ta' aktar minn 4,000 litru ta' skart, u kkontribwixxiet għar-restawr tal-isbuħija ta' Parnitha u l-ippreservar tal-istatus tagħha bħala waħda mill-ftit pulmuni ħodor f'Attica.

Co-funded by the European Union

L-isħubija ma' "Save Your Hood" u l-involviment ta' aktar minn 32,000 voluntier fil-Greċja f'sentejn u nofs wera s-saħħa ta' inizjattivi mmexxija mill-komunità. L-isforzi kollettivi wrew impenn għal kontribuzzjoni soċjali u li wieħed iservi ta' gwardjan tal-ambjent.

Permezz tal-inizjattiva ta' tindif, Enel Green Power Hellas immirat li teduka kemm lill-voluntiera u l-komunità aktar wiesa' dwar l-importanza tas-sostenibbiltà. Il-Kap tal-Komunikazzjoni Konstantinos Efremidis enfasizza s-sinifikat ta' din l-inizjattiva li hi f'konformità mal-17 il-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

RITRATTI



## IT-3 KAŻ TA' STUDJU – *Is-Serje Żmien ta' Bidla ta' WWF Hellas*

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TA' PROBLEMA

B'risposta għall-isfidi ambjentali urġenti affaċċjati globalment, WWF Hellas inizjat serje pijuniera bl-isem ta' "Żmien ta' Bidla: In-Negozju tas-Sopravivenza". Varat f'Lulju, din is-serje kienet immirata li titfa' dawl fuq inizjattivi innovattivi globali li jaffaċċjaw sfidi sinifikanti ambjentali. Il-problema ewlenija li ġiet indirizzata kienet il-bżonn urġenti li n-negozji, gvernijiet, u l-komunitajiet joħolqu futur sostenibbli fejn in-natura tirkupra għall-benesseri tas-soċjetajiet.

ATTIVITAJIET

It-tieni parti ta' din is-serje, li ġiet murija globalment permezz ta' www.ageofchangeseries.co.uk, uriet stejjer t'impatt fuq inizjattivi biex jikkumbattu theddid ambjentali. Inizjattiva partikolari ta' min wieħed jinnoata kienet il-programm "Il-Kċina tal-Lukanda: Fejn l-Ikel Jimporta", sforz minn WWF Hellas f'kollaborazzjoni ma' Unilever Food Solutions Greece. Il-programm kien immirat lejn it-tnaqqis fil-ħela tal-ikel fis-settur tal-lukandi, li hu tħassib kruċjali meta wieħed iqis l-istatus tal-Greċja bħala destinazzjoni ewlenija għat-turisti. L-Ikaros Beach Resort & Spa fi Kreta pparteċipa fil-programm, u sar il-punt fokali tas-serje. Is-serje esplora inizjattivi varji, inkluż ir-riforestazzjoni tax-xagħri u strateġiji li bihom titnaqqas il-ħela tal-ikel fil-lukandi.

IMPATT

Is-serje Żmien ta' Bidla kellu rwol kruċjali fil-promozzjoni ta' inizjattivi sostenibbli. Billi wera stejjer ta' negozji u komunitajiet li diġà attivament jikkontribwixxu għall-benesseri ambjentali, is-serje mmira li jispira bidla pożittiva. Il-programm "Il-Kċina tal-Lukanda" speċifikament wera kif sforzi kollaborattivi fis-settur tal-lukandi kapaċi sinifikament jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-kriżi tal-klima billi jnaqqsu l-ħela tal-ikel. Is-serje pprovda pjattaforma biex juri soluzzjonijiet reali fid-dinja u biex jinkoraġġixxi bidla fix-xejra globali fil-ħsieb, il-konsum, il-produzzjoni, u l-għajxien.

RITRATTI


Age of Change: The business of survival
Share
Ikaros Beach
Resort & Spa
MORE VIDEOS
0:57 / 5:34
YouTube

## Referenzi


***12 Stories for the Protection of the Environment" Exhibition***

CNN Greece. (2023, January 7). *Ιστορίες κινουμένων σχεδίων για την προστασία του περιβάλλοντος*. CNN.gr. https://www.cnn.gr/ellada/story/344981/istories-kinoumenon-sxedion-gia-tin-prostasia-tou-perivallontos

***Enel Green Power Hellas - Parnitha Clean-up Initiative***

*Καθαρίζουμε την πάρνηθα, φροντίζουμε για το περιβάλλον και για το μέλλον*. Enel Green Power. (n.d.). https://www.enelgreenpower.com/el/%CE%B5%CE%BD%CE%B7%CE%BC%CE%AD%CF%81%CF%89%CF%83%CE%B7/news/2022/11/%CE%BA%CE%B1%CE%B8%CE%B1%CF%81%CE%AF%CE%B6%CE%BF%CF%85%CE%BC%CE%B5-%CF%84%CE%B7%CE%BD-%CF%80%CE%AC%CF%81%CE%BD%CE%B7%CE%B8%CE%B1-%CF%86%CF%81%CE%BF%CE%BD%CF%84%CE%AF%CE%B6%CE%BF%CF%85%CE%BC%CE%B5-%CE%B3%CE%B9%CE%B1-%CF%84%CE%BF-%CF%80%CE%B5%CF%81%CE%B9%CE%B2%CE%AC%CE%BB%CE%BB%CE%BF%CE%BD-%CE%BA%CE%B1%CE%B9-%CE%B3%CE%B9%CE%B1-%CF%84%CE%BF-%CE%BC%CE%AD%CE%BB%CE%BB%CE%BF%CE%BD

***Age of Change Series by WWF Hellas***

*Το "age of change: The business of survival" αποκαλύπτει καινοτόμες πρωτοβουλίες για προστασία του περιβάλλοντος*. Green Agenda. (2022, November 10). https://greenagenda.gr/%CE%B7-%CF%83%CE%B5%CE%B9%CF%81%CE%AC-age-of-change-the-business-of-survival-%CE%B1%CF%80%CE%BF%CE%BA%CE%B1%CE%BB%CF%8D%CF%80%CF%84%CE%B5%CE%B9-%CE%BA%CE%B1%CE%B9%CE%BD%CE%BF%CF%84%CF%8C/

**Sħab:**

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]